MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Numru 898/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**
**[Spettur Jason Agius]**

**vs**

**Carmel Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 267446(M).

Akkuzat talli:
Nhar it-28 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta’ filghodu, fl-inhawi tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta limiti tal-Gudja, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom flus kontanti, liema reat ta’ serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €2,329.37 u li sar ghad-dannu ta’ Guzel Iusupova.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif migjuba kontrih.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu is-segwenti:

Illi fit-28 ta' Awwissu 2010, waslet Malta b'titjira minn Mosca il-parte civile Gusel Iusupova, fejn din kienet giet hawn Malta sabiex tistudja l-Ingliz.

Illi meta din harget mit-Terminal sabiex tkun tista' tiltaqa' ma' min kien ser iwassalha, hija poggiet il-bagalji taghha go 'trolley'. Ma' dawn il-bagalji hija kellha wkoll basket tal-'laptop' fejn hemmhekk kellha skont il-verzjoni taghha, id-dokumenti kollha inkluz il-portafoll bi flus Rubli Russi , kompjuter, u zewg telefons. B'kollox flus kellha ghaxart'elef Rubli u elfejn Ewro.

Meta gie d-driver tal-van, huwa qalilha sabiex tpoggi l-bagalji fuq 'il wara tal-vann izda sabiex izzomm il-basket tal-kompjuer fuqha. Nel frattemp, u b'dan il-basket ghadu maghha, hija marret tpoggi it-'trolley' f'postu izda meta marret biex tpoggieh gewwa t-'trolleys' l-ohrajn il-flus ma setghetx tohrog u ghalhekk poggiet il-basket tal-kompjuter fl-art sabiex tkun tista' tohrog il-flus izda hija mbaghad marret gol-van minghajr il-basket ghaliex nsiethu. Kien wara li dahlet gol-vann u saqu bicca tajba illi rrealizzat illi kienet insiet il-basket warajha u ghalhekk qalet lix-xufier tal-vann sabiex jergghu jmorru lura l-ajruport.

Illi, irrizulta illi meta marru fuq il-post, dan il-basket ma nstabx. Wara marret taghmel rapport lill-ufficjal tas-sigurta` tal-ajruport kif ukoll fl-ghassa tal-Pulizija. Wara xi siegha u nofs instab l-imputat li kien b'dan il-basket tal-parte civile . Wara ezami tal-kontenut tal-basket hija

setghet tghid illi ghalhemm kollox kien imqalleb, kollox kien hemm hlief l-elfejn Ewro li kien hemm gol portafoll.

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda tal-Ispettur Michael Mallia, PS 1326 Roy Sciberras u PS 647 Ivan Chetcuti hareg illi meta raw dakn li kien rekordjat mis-CCTV camera l-imputat deher jaqbad dan il-basket minn hdejn it-'trolleys' fejn kienet hallietu l-parte civile biex imbaghad mar fit-'toilets' tal-istess ajruport fejn hemmhekk kienu stennewh il-pulizija sabiex isaqsuh fuq dan il-basket. Hekk kif ra l-pulizija u staqsewh jekk kienx ix-xufier tal-vann, hu minnufih wegibhom jekk kienux gew ghal-laptop u qalilhom li kien gol-vann u hadhom hemm.

Importanti hi x-xhieda tal-istess Surgent Sciberras li ta l-hinijiet ta' meta graw l-affarijiet. Xehed illi mill-filmat hareg illi l-parte civile halliet il-basket warajha fl-10.01 a.m. L-imputat gabru fl-10.18 u poggieh gol-vann. Sussegwentement, dahal fit-terminal tal-ajruport biex wara u cioe` fil-11.53 a.m. rega' hareg mit-terminal. Fis-1.20 p.m. deher jerga' jidhol fit-Terminal fejn imbaghad gie avvicinat mill-Pulizija. Il-laptop instab fl-art tal-vann fuq in-naha ta' quddiem.

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kaz irrizulta li t-tezi tad-difiza kienet illi kien veru li l-imputat sab u ha dan il-basket izda l-intenzjoni tieghu ma kienx li jisirqu izda li jirritornah lil xi hadd. Illi d-difiza minn dejjem sostniet li ma kienx hemm bizzejjed provi a rigward l-ghejbien tal-flus Ewro.

Ghalhekk tenut kont ta' dan, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina x'ghidu il-guristi fuq l-*animu* tar-reat ta' serq u sabiex tkun tista' tghaddi ghal decizjoni huwa important hafna is-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet.

Illi il-Qrati matul is-snin dejjem qablu illi s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula *invite domino*, bi skop ta' lukru. Fil-fatt Carrara jghid:

*"Il dolo del furto consiste nella intenzione di arricchire se stesso, ed e' dolo determinate, quantunque niente si*

*vagheggi come fine dell’atto nostro il pensiero del dolore o del disastro patrimoniale che si reca all’offeso, ed e costituirlo basta che il ladro sappia che la cosa e’ altrui, senza che sia necessario che egli conosca a chi precisamente appartiene”* (Diritto Criminale, Vol. IV, Casa Editrice Fratelli (Firenze), 1923, para. 2025, p. 35-36)

Il-professur Mamo jelabora u jghid hekk:

*“. . . it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised . . .Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) . . .the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the “animus lucrandi” was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases”.*

Illi mill-atteggjament tal-akkuzat hargu diversi punti li bihom jitfghu dubju fuq l-imputat. L-ewwel wiehed hu li appena l-akkuzat sab u ha dan il-basket, huwa ma informax immedjatament lil xi hadd mill-ufficjali tal-ajruport fejn sabu izda hadu dirett gol-vann. Illi peress illi l-imputat ma xehedx u ma kien ta ebda spjegazzjoni lil hadd dwar dan, il-Qorti ma tistax tissoponi x’kienet ir-raguni ghaliex dan it-trapass ta’ hin ghaliex kif diga` inghad hawn fuq, mill-filmat hareg illi kien hemm trapass ta’ xi tliet sieghat shah minn meta ha l-basket.

Illi dan kollu jitfa’ dell ikrah fuq l-animu tal-akkuzat u ma tistax taqbel mat-trattazjoni tad-difiza meta qalet li l-imputat kien irritorna l-basket u ghalhekk ma jissussistix l-element mentali. Dan ghaliex kif hareg car kien wara tliet sieghat u meta ra l-pulizija quddiemu li qalilhom bil-basket ghalkemm qalilhom b’mod volontarju.

Illi pero` din il-Qorti ssaqsi, il-ghaliex l-imputat ma infurmax lil xi hadd b'dak li sab bhal xi security tal-ajruport jew lil xi hadd iehor mill-istess ajruport tenut kont illi l-imputat ikun ta' spiss hemm fuq xoghol u ghalhekk kien certament jaf hafna nies li jahdmu hemm. Izda din id-domanda qatt ma giet imwiegba mill-imputat la meta gie mistoqsi mill-pulizija u l-anqas fil-Qorti.

Illi propju a rigward ta' din il-materja l-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenzi tal-appell kriminali fil-*Pulizija v. Spiteri (22/10/1902), Pulizija v. Filippo Magri (6/02/1909) u Rex v. Williams (4/11/1941)* li kollha qalu illi kull min jiehu l-pussess ta' oggett li jsib mitluq taht cirkostanzi li jindikaw li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u li ma kienx gie abbandunat minn sidu, ikun hati tar-reat ta' serq.

Illi ghaldaqstant, u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti thoss illi meta l-imputat sab il-basket in kwistjoni huwa ma kellux l-intenzjoni li jirritornah u ghalhekk l-elementi ta' serq gew ippruvati.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti, wara li rat rat l-Artikoli 261, 267 u 279 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-akkuzat Carmel Camilleri hati tar-reat ta' serq kif addebitat lilu fl-akkuza odjerna , u qeghda tikkundanna lill-istess Carmel Camilleri ghall-piena ta' tlettax-il (13) xahar prigunerija li bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din qed tigi sospiza ghal zmien ta' sena millum.

Finalment, spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat r-responsabilita` tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' sena u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilha moghtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------